

Brussell, 19 ta' Jannar 2021
(OR. en)

5344/21

Fajls Interistituzzjonali:
2020/0348(NLE)
2020/0319(NLE)

VISA 15
COAFR 13
MIGR 14

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	a) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika ta' Cabo Verde u tal-Unjoni Ewropea – Adozzjoni b) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-istess Ftehim – Talba għall-kunsens tal-Parlament Ewropew

1. Fid-9 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika ta' Cabo Verde u tal-Unjoni Ewropea¹, flimkien ma' abbozz ta' test tal-ftehim imsemmi fl-anness għal dik il-proposta², u proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-istess ftehim³.

¹ 13864/20 VISA 136 COAFR 367 MIGR 172.

² 13864/20 VISA 136 COAFR 367 MIGR 172 ADD 1.

³ 13865/20 VISA 137 COAFR 368 MIGR 173.

2. Fis-16 ta' Diċembru 2020, il-Kunsilliera ĠAI qablu dwar dawn il-proposti.
3. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li l-Irlanda ma tiħux sehem fihom, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002; b'hekk, l-Irlanda mhix qiegħda tiegħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhix marbuta bih u lanqas hija suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.
4. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
5. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar u t-test tal-ftehim ġew editjati mill-ġuristi-lingwisti. Dawn jinsabu rispettivament fid-dokumenti 5033/21 VISA 1 COAFR 4 MIGR 1 u 5035/21 VISA 3 COAFR 6 MIGR 3.

Id-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-istess ftehim ġiet ukoll editjata mill-ġuristi-lingwisti. It-test editjat jinsab fid-dokument 5034/21 VISA 2 COAFR 5 MIGR 2.

6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill:
 - a) jadotta, bħala punt "A" tal-aġenda ta' waħda mis-sessjonijiet tiegħu li jmiss, id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar kif tinsab fid-dokument 5033/21;
 - b) jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni kif jinsab fid-dokument 5034/21 lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu ladarba l-ftehim ikun ġie ffirmat kif dovut.

Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar ser tiġi ppubblikata fil-ĠU skont ir-regoli applikabbli.
